**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

`

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 91/2018

**10 ta' Ottubru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
James Cauchi – Kunsillier
Ivan Agius – Vici-Sindku
Antonia Perini - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**91.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

91.1.1 Ma kienx hemm

**89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

91.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 89 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

91.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

91.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

91.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 90 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

91.2.5 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Ivan Agius ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

91.2.6 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**91.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

91.3.1 Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar konferenza ghall-istampa li kienet inzammet mir-Regjun Xlokk rigward progett li kien ser ikun qieghed jigi implimentat permezz ta' fondi ewropej.

91.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet gewwa l-kumpless sportiv tal-Kottonera u li matulha kien gie diskuss ic-caqliq ta' parti mis-suq fil-berah b'konnessjoni ma' progett li kien ser ikun qieghed jigi implimentat fl-istess kumpless sportiv

91.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'diskussjonijiet li kienu ghaddejjin b'konnessjoni ma' Super League Triathlon li kienet qieghda tigi proposta li tittella' mill-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu matul Ottubru 2018.

91.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi matul ix-xahar ta' Ottubru 2018 kienet inzammet attivita' bl-isem ta' THU Olympics f'bacir numru 1, liema attivita' kienet ittellghet minn kumpanija privata.

91.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi matul ix-xahar ta' Settembru u matul

Ottubru 2018 kienu inzammu laqghat ma' residenti minn Nelson Street rigward titjib fl-infrastruttura inkluz l-aspett estetiku.

91.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li hekk kif deciz, kienu intalbu stimi ghall-gbir ta' skart goff bil-ghan illi jigi pprovdut servizz temporanju sakemm tigi aggudikata sejha ghall-offerti li kien ser ikun qieghed jippublika l-Kunsill Lokali ghall-istess servizz, il-Kunsill Lokali kien ghadu ma rcieva ebda dokument. Is-servizz kien qieghed jigi ppjanat illi jinbeda nhar il-15 ta' Ottubru 2018.

91.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu qieghdin jingabru stimi ghall-uniformijiet tal-amministrazzjoni. Fl-istess waqt kienu ser ikunu qieghdin jigu ordnati uniformijiet ghall-haddiema assenjati mal-Kunsill Lokali.

91.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet giet imnehdija l-istrategija ghall-Kottonera li kien qieghed jahdem fuqha l-Gvern Centrali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess strategija kienet disponibbli ghall-pubbliku li seta' jghaddi l-kummenti tieghu.

## 91.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

91.4.1 Ma kienx hemm.

***F'dan l-istadju dahlet ghas-seduta il-Kunsilliera Antonia Perini ( 6:00p.m.)***

## 91.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

91.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru09/18) ghall-approvazzjoni.

91.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

91.5.4 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Settembru 2018 ghall-approvazzjoni.

91.5.5 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 91.6 Estimi finanzjarji ghas-sena finanzjarja 2018 - Revizjoni

91.6.1 Is-Sindku qalet illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-*accountant*, kienet hadet sehem f'ezercizzju li permezz tieghu kienet saret revizjoni tal-estimi annwali ghas-sena finanzjarja 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi r-revizjoni kienet tinkludi u tipprevedi spejjez u dhul li l-Kunsill Lokali ma kienx konxju minnhom meta l-istess estimi kienu gew approvati originarjament.

91.6.2 Wara li l-Kunsill Lokali iddiskuta fid-dettall il-proposti tal-estimi finanzjarji, fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost.

## 91.7 Sejhiet ghall-offerti

91.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienu intbaghatu l-ittri lil-dawk li kienu ssottomettew l-offerta taghhom b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghas-servizz ta' accountant. Fir-rigward, kemm il-darba ma jkunx hemm appelli ghad-decizjoni tal-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jigi iffirmat il-kuntratt hekk kif ippjanat.

91.7.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem sabiex tinhareg mill-gdid sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' gbir ta' skart goff.

91.7.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet inharget sejha ghall-offerti ghal xogholijiet fi Triq il-Polvrista u Triq il-Gendus.

91.7.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ghadha fil-fazi ta' evalwazzjoni sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghax-xiri u installazzjoni ta' fanali ornamentali f'numru ta' toroq fil-lokalita'.

## 91.8 Mozzjonijiet

91.8.1 Ma kienx hemm

## 91.9 Development Planning Fund

91.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellha laqgha mas-Sur Johann Butigieg, Executive Chariman tal-Awtorita' tal-Ippjanar li matulha kienu gew diskussi progetti li setghu jigu implimentati permezz tal-

iskema Planning Development Fund. Wara li s-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji dwar dak li kien gie diskuss, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi b'applikazzjoni sabiex isir xoghol fiz-zona ta' Hubbard Flats, liema xoghol il-Perit tal-Kunsill Lokali kien ikkalkula li l-ispiza rispettiva kienet ser tammonta ghal madwar €53 000. Kellha wkoll kemm il-darba jkun possibbli tigi sottomessa applikazzjoni sabiex isir xoghol fi Gnien Santa Margerita. Dwar din l-inizjativa pero', il-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti proposta' ta' progett mal-perit tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jkollu stimi tax-xogholijiet proposti li kienu jinkludu fanali ornamentali, cnut, bankijiet u pavimentar.

## 91.10 Gbir ta' Skart riciklabbli

91.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet baghtet ittra lid-Dipartiment ghall-kuntratti bil-ghan illi tinkiseb l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tinhareg sejha ghall-gbir ta' skart riciklabbli. Fil-frattemp, kienu qieghdin jigu ppreparati d-dokumenti mehtiega sabiex hekk kif tinhareg l-awtorizzazzjoni, tkun tista' tigi ppublikata s-sejha rispettiva.

## 91.11 Diamonds of Fire

91.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-attivita' msemmija kienu ghadhom ma ngabrux il-kontribuzzjonijiet li dwarhom kien hemm diskussjoni f'seduti precedenti. Segwiet diskussjoni libera, li matulha gie deciz illi kellu jkun hemm sforz sabiex jingabru l-imsemmija kontribuzzjonijiet fl-iqsar zmien possibbli.

91.11.2 Wara li l-Kunsillier Roderick Mamo nforma lill-Kunsill Lokali illi l-permessi rispettivi u l-assikurazzjoni ghall-attivita' kienu mexjin hekk kif ippjanat, is-Segretarju Ezekuttiv sahaq illi hekk kif legalment obbligat, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed iqabbad kuntrattur jew kumpanija bil-ghan illi jsir *risk assessment* relatat mal-attivita' nnifisha.

***F'dan l-istadju hareg mis-seduta il-Vici-Sindku, Ivan Agius ( 8:15p.m.)***

## 91.12 Jum Bormla 2018

91.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jigi mfassal abbozz ta' programm ghal Jum Bormla 2018. Gie imsemmi illi fir-rigward il-Kunsillier

Roderick Mamo kien diga’ beda’ jipprepara xi materjal. Kien hemm qbil illi kellha tinzamm laqgha bejn rapprezentanti tal-Kunsill Lokali, Mro.Etienne Spiteri u rapprezentant tal-arcipriet bil-ghan illi jigi mfassal il-programm imsemmi.

91.12.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu mexjin ukoll il-preparamenti sabiex f’Jum Bormla jinghata gieh Bormla ghas-sena 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-applikazzjonijiet ghan-nomini kienu miftuhin u minn informazzjoni li kellha kien hemm diga’ xi sottomissjonijiet. Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo, u bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti, gie deciz illi kellu jkun hemm emenda ta’ item 7.1.3 tal-linji gwida u titnehha l-kelma “lokali” minn wara l-kliem “registru elettorali”.

## 91.13 Milied 2018

91.13.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali li kien jinhtieg tittiehed decizjoni dwar jekk il-Kunsill Lokali kienx ser ikun qieghed izejjen uhud mit-toroq tal-lokalita’ b’dawl dekorattiv ghal zmien il-Milied. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jigbor stimi sabiex ikun hemm tizjin hekk kif sehh fis-snin imghoddija.

## 91.14 Cospicua Short Play Festival

91.14.1 Is-Sindku tat lill-Kunsill Lokali rendikont tal-attivita’ Cospicua Short Play Festival ghas-sena 2018 u semmiet kif l-attivita’ setghet tigi kkunsidrata bhala success. Is-Sa. Zerafa Civelli semmiet kif l-amministrazzjoni ta-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem bil-ghan illi tigi konkluza l-attivita’ inkluz mill-aspett finanzjarju.

## 91.15 Lista ta’ ilmenti li jinhtiegu decizjoni mill-Kunsill Lokali

91.15.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta’ ilmenti li kienu dahlu u li kienu jinhtiegu decizjoni min-naha tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu illi l-istess ilmenti kellhom ikunu evalwati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv u l-istess lista tintbaghat lill-Kunsilliera bir-rakkomandazzjonijiet bil-ghan illi l-istess Kunsilliera japprovaw ir-rakkomandazzjoni jew jghaddu l-kummenti taghhom.

## 91.16 Tabelli u sinjali tat-traffiku

91.16.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport dwar tabelli li kien jinhtieg li jinbidlu. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li l-Kunsill Lokali matul l-2017 kien niehda ezercizzju ta’ monitoragg regolari, matul l-2018 kienu bdew jidhru rizultati pozittivi. Dan peress illi kien gie nnotat illi kienu biss tlieta it-tabelli li kien jinhtieg li jinbidlu. Filwaqt li kien hemm qbil illi kellhom jinbidlu t-tabelli msemmija, gie deciz ukoll illi kellhom jigu ordnati numru ta’ mirja flimkien ma’

tabelli li jiggwidaw lis-sewwieqa ghal Triq San Pawl.

## 91.17 Publikazzjoni tal-Kunsill Lokali

91.17.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi publikazzjoni li kien qiehed jippjana li johrog il-Kunsill Lokali kienet giet iffinalizzata u kien mistenni illi tintbaghat ghall-istampar sa tmiem Ottubru 2018.

## 91.18 Skema’ ta’ Progetti Kapitali

91.18.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b’konnessjoni mal-progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta permezz tal-iskema msemmija, kienet miexja hekk kif ippjanat applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta ghand l-Awtorita’ tal-Ippjanar. Fil-frattemp kienu ghaddejjin preparamenti ohra sabiex hekk kif il-Kunsill Lokali jkollu l-konfermi mehtiega ikun jista’ jinghata bidu ghax-xogholijiet.

## 91.19 Rapporti

91.19.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’korrispondenza li kienet ghaddejja ma residenta li xtaqet li jigu installati xi u-channels fi Triq Dom Mintoff.
- Il-Kunsill Lokali iddecieda illi ma kelliex tigi milqugha proposta li kienet tressqet minn Refab Lightblue Partnership, liema proposta kienet tikkoncerna *Clothes Banks* fil-lokalita’.
- Il-Kunsilliera gew infurmati b’laqgha plenarja straordinarja li l-assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali kienet qieghda tippjana li ttella’ matul Ottubru 2018.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tigi milqugha talba ghal laqgha mal-Kunsill Lokali li Dott. Joseph Sammut kandidat ghall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew li kienu ser jinzammu f’Mejju 2019 kien ressaq. Il-laqgha kellha tinzamm nhar l-14 ta’ Novembru 2018.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi hekk kif maqbul kienu saru rakkomandazzjonijiet ghal ismijiet ta’ toroq fil-lokalita’.
- Kien hemm qbil illi kellha tinzamm laqgha ma resident li kien talab protezzjoni ghall-proprjeta tieghu li kienet tinstab fi Triq Matty Grima.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’korrispondenza li kienet ghaddiet b’konnessjoni ma’ progett bl-isem ta’ Sea Bin li kien qieghed jigi propost ghall-implimentazzjoni minn numru ta’ intraprizi b’interess kummercjali fiz-zona tal-port il-kbir.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’korrispondenza li kienet ghaddiet mal-assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali b’konnessjoni ma’ proposta li kienet tikkoncerna hlasijiet ta’ kontijiet tad-dawl u ilma fil-Kunsilli Lokali.

- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba ghal spazju li saret minn individwu sabiex jinzammu sessjonijiet ta' informazzjoni dwar stili ta' hajja meqjusa bhala *healthy*.
- Kellha tinzamm laqgha ma individwu li kient talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jtella' korsijiet relatati ma' CPR u AED (materji relatati mas-sahha tal-bniedem). Dan bil-ghan illi jkunu jistghu jinkisbu aktar dettalji dwar il-materja.
- Kien hemm qbil fil-principju ma' proposta li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand il-kumpanija VENT, liema proposta kienet tikkoncerna progett fiz-zona maghrufa bhala Fuq San Pawl.
-

91.19.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport li kien thejja mill-*contracts manager* rigward diversi kuntratti ta' servizzi li kellu l-Kunsill Lokali. Fir-rigward, wara li gew diskussi d-dettalji tar-rapport, kien hemm qbil illi filwaqt li l-*contracts manager* kien qieghed jaghmel xogholu sew, kien hemm il-htiega li jkun hemm aktar infurzar fuq ir-residenti bil-ghan illi jitnaqqsu l-abbuzi

**91.20 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

91.20.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-9:25 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 14 ta' Novembru 2018 fis-8:30p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Novembru, 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |